MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 605/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) għal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Mary Anne Cassar u l-istess Mary Anne Cassar**
**Vs**
**Joseph Baldacchino u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2005 isem il-konvenut minflok 'Joseph' għandu jiġi jaqra 'James'.**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-22 ta' Marzu, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 1101.45 (Sitt mitt lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmi) rappreżentanti danni kawżati f'inċident stradali nhar il-21 ta' Settembru, 2002 f'Bulebel.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

<u>Dikjarazzjoni</u> li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Settembru, 2002 quddiem il-

Playmobil Bulebel, meta waqt li kien isuq vettura JAG 327 waqaf zoptu biex jikser minn fuq linja kontinwa u b'din il-manuvra inaspettata ikkaġuna lill-vettura ta' l-attriċi, Hyundai Accent numru KBA 584, li kienet tinstaq warajh, tidħol fuqu (Dok. R, S) flimkien ma' kundanna lill-konvenut li jħallas, in linea ta' danni Lm 1001.45 (elf u lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu) lil Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm 100 (mitt lira Maltija) (Dok. P) lil Mary Anne Cassar.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

a) Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi, u dan stante illi l-konvenut Joseph Baldacchino ma kienx qed isuq il-vettura SAG 327 fil-ħin ta' l-inċident in kwistjoni, u għalhekk m'għandu jwieġeb għall-ebda somma ta' danni ex delictu kif mitluba mill-atturi, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kolliżjoni ġrat faċċata ta' l-entratura prinċipali ta' Bulebel, Triq Dejma. Propjament quddiem l-entrata għal Playmobile. It-triq hija kemm kemm wiesa u dritta u ta' ftit viżwali u tippermetti biss karreġġjata fid-direzzjoni opposta "b'single white continuous line" fl-istess triq. Il-vettura attriċi kienet qed tiġi misjuqa fid-direzzjoni minn Ħal-Tarxien lejn Ħaż-Zabbar, mentri dik konvenuta kien quddiemha. Il-vettura tal-konvenut li kien in avaria u sabiex ma jikkostitwix ruhu ta' periklu għal terzi ġibed lejn in-nofs biex idur u tern u ġibed lejn il-parking area ta' l-istess Playmobile. Mhux kontestat illi t-triq hija maqsuma "b'single continuous white line". Il-konvenut għażel illi, flok jitfa' fil-ġenb mal-ħajt fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u jħalli lis-spazju fuq il-lemin għal libera tal-karreġġjata, għażel soluzzjoni ferm aktar diffiċli fil-manuvra billi imur kontra d-direzzjoni tat-traffiku, jitlaq il-karreġġjata tiegħu,

jinvadi lil dik opposta meta s-sinjal tat-traffiku kien jindika diversament. Huwa stqarr illi għamel hekk biex ma jkunx ta' periklu għal ħaddiehor, mentri meta dak il-mument li kien qed jagħmel din il-manuvra kkostitwixxa ruħu mhux ta' periklu għal vetturi li kienu ġejjin minn faċċata, iżda dawk li kienu ġejjin minn warajh. Dan ikkostitwixxa nuqqas ta' prudenza u perizja aktar u aktar meta l-vettura tiegħu kienet in avaria.

Illi l-ammont mitlub bhala danni ma giex kontestat u qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm 1101.45 (elf, mija u lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu), bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------